MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Numru. 138/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Pulis**

**VS**

**Reuben Farrugia detentur tal-karta tal-identita' numru 383885M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Reuben Farrugia** li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' April, 2014 u/jew fix-xhur ta' qabel, minn gewwa garage numru 9, Rueben Garage, Triq is-

Sejba, Imqabba, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

- Ikkommetta serq ta' elettriku, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-hin, u bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Enemalta u/jew entitajiet ohra.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat mal-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Rat ukoll illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, rapprezentant tal-ARMS xehed illi l-imputat issalda l-pretensjoni tal-Korporazzjoni kif pretiz.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, kif riaffermata u wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieset ukoll il-pagament affettwat;
Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Reuben Farrugia** hati, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sentejn (2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------